# VARIA ATQUE BREVIORA

**1.—'Bil-' u 'bla' bħala Avverbi ta' mod u maniera.**

*Bil-* u *bla* man-nom bħala avverbi ta' mod u maniera. Eżempju: *Telaq bil-għaġla. Qala' flus bil-qħama.* Hekk ukoll f'espressjonijiet bħal dawn: *Bil-moħbi; bil-leħqa; bil-wieqfa; bil-qiegħda; bis-serqa; bil-herra; bix-xaba'. Bla nifs; bla għaqal; bla ħoss; bla għaġla.*

**2.—Ismijiet minn Verbi.**

Ħaraq—ħurrieq; għalaq—għalaq, għolliq; xamm—xummiema; żerżaq—żurżieqa; ħataf—ħuttafa; xellel—xulliela; żammar—żummara; saffar—suffara; ħarħar—ħurħara; beżaq—bużżieqa; xellef—xulliefa; ġelben—ġulbiena; medd—medd (tannewl); niten—nittiena (ħaxix); deffen—deffun; gidem—geddum; karkar—kurkar.

**3.—Vokalizzazzjoni li tiddependi mill-għamla tal-konsonanti radikali ta' nofs il-kelma.**

*Kons. Labjali*:— (i—e): (b) nibet; żibel; libes; ġibed; xiber; tiben; żibeġ; sibel; kiber.

*Kons. Dentali*:— (i—e): (ġ, d, x, s) niġem; riġel; gidem; nidem; widen; fixel; nixef; ġisem; nisel.

*Kons. Aspirati*:— (e—e): (h) deher; fehem; sehem; xeher; deheb.

*Kons. Laringali*:— (e—e): (ħ) weħel; seħer; (a—a): (ħ) faħam; faħal; baħar; daħal; (a—a): (għ) bagħat; bagħad; magħad; qagħad; (o—o): (għ) bogħod; logħob; sogħol.

*N.B.* Hemm xi vokali li jiddependu wkoll mill-konsonanti tal-bidu *tal-kelma* bħalma fissirt fit-*Tagħlim tal-Kitba Maltija*, It-Tieni Ktieb (1950) par. 114 N.B.

**4.—Ismijiet ta' għodod.**

L-ismijiet tal-għodod jew huma mimmati jew vokalizzati f'*u—a (ie)*; *o—ie*; *a—a*; *e—u*, bħal ismijiet ta' l-aġenti. *Mehrież, suffara.* Eżempji: *Sunnara, żurżieqa, dukkara, dussiesa, xulliela, barrada, qarraba.* L-*u* dlonk titbiddel f'*a* meta l-ewwel konsonanti tkun *ħ*: *ħannieqa, ħaffiefa, ħammiela.*

Dawn l-ismijiet għandhom il-konsonanti tan-nofs imtennija.

**5.—Xi Verbi tat-tieni forma li għandhom it-tieni konsonanti jew w doppja huma mnisslin minn nomi :—**

*kewwes* minn *kus*; *żewweġ* minn *żewġ*; *kejjel* minn *kejl*; *newwel* minn *newl*; *għawweġ* minn *għawġ*; *dewwed* minn *dud*; *ġewweż* minn *ġewż*; *bejjet* minn *bejt* jew *bejta*; *rejjex* minn *rix*; *għajjen* minn *għajn*; *sawwat* minn *sawt*.

**6.—Qwiel tal-Biedja**

San Mark ix-xita nar fl-art.
Mejju mirjieħ bid-deni stennieħ.
Għal Mejju aħsad imqar kien plejju.
Mejju jġib il-minġel, il-kabozza u l-kappell.
Mejju ħobża u sikkina għax kull ġid jagħtina.
Dak li jagħqad sa San Mikiel jidħol fil-miżien.
Frar fawwar jimla l-gwiebi u l-ibjar.
Għal San Mikiel lesti l-kandlier.
Sal-Milied la bard u lanqas ksieħ.
Marzu Marzellu ħarqet il-moxt u r-rixtellu.
Hruġ Marzu u dħul April ix-xita karru deheb fin.
Xemx u xita Alla jaf meta.
Il-qamar jiekol kollox.
Beraq ilħiħ jew xita jew riħ.

(*Jissokta*)